# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 25**

**Rikors numru 886/2015 LSO**

**Anthony Camilleri**

**v.**

**George Mifsud**

**PRELIMINARI:**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut George Mifsud mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Lulju 2019, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti biex tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet tal-attur. Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur appellat.

2. L-Ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimat, iddecidiet:

> "li fi zmien perentorju ta' xahar millum iwaqqa', jhott, u jillibera l-art fuq imsemmija li huwa uzurpa, kif ntqal fuq, mill-fabbrikat kollu li hu ghamel fuqha, u dana taht is-supervizjoni tal-Perit Amber Wismayer mahtura minn din il-Qorti ghal dan l-iskop a spejjez tal-intimat:
>
> "u tawtorizza lir-rikorrent li flinadempjenza tal-intimat jaghmel a spejjez tal-intimat, ixxoghlijiet kollha necessarji ghar-reintegrazzjoni taht issupervizzjoni tal-Perit hekk mahtura ukoll a spejjez talintimat.
>
> "L-ispejjez jithallsu mill-intimat."

3. L-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li qieset:

> "Illi din hija kawza ta' spoll. Ir-rikorrent jilmenta li l-intimat pogga xi knaten ta' gebel fuq art li ilu jippossjedi numru ta' snin bla ebda tfixkil. L-intimat ma jiċhadx li l-gebel tpoggew minnu u jghid li dan ghamlu biex jaghlaq il-konfini tal-proprjeta` tieghu. Huwa jikkontesta l-pussess li r-rikorrent jghid li ghandu fuq l-art, u jghid li ilu jpoggi l-vettura tieghu fuq din l-art ghal aktar minn hamsa u tletin sena.
>
> "Fatti
>
> "L-art mertu tal-kawza hija bicca raba' f'forma triangulari li tifforma parti minn art li fis-sena 2014 nxtrat mill-intimat (Fuq il-pjanta Dok. B fol. 20, tidher immarkata bl-ittri "FZ", filwaqt li fuq il-pjanta Dok. A fol 19, hija parti minn art akbar imhazza bil-kulur iswed). Ma hemmx kontestazzjoni dwar l-art fejn hi. Ir-rikorrenti jghid li ilu jipposjedi l-art sa mis-sena 2002 u li ghamel diversi xoghol fuqha, fosthom naddafha u tefa' gebel kbir. F'inqas minn xahrejn qabel l-24 ta' Settembru, 2015, fuq din l-art, l-intimat bena zewg pilastri baxxi tal-gebel u madwar sitt knatan ohra f'forma ta' pilastru iehor gholi tliet filati. Ir-rikorrent waqfu u fl-24 ta' Settembru, 2015 fetah dawn il-proċeduri.
>
> "Ir-Rapport tal-Perit Alan Saliba
>
> "Illi b'digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Mejju, 2016 gie nominat il-Perit Alan Saliba bhala perit tekniku (fol. 39), u r-rapport tieghu jinstab esebit a fol. 47.

“Il-Perit Tekniku Alan Saliba, jiddeskrivi l-art mertu talkawza bhala li ghandha kobor ta’ madwar 90 metri kwadri u tifforma parti mill-art indikata fuq il-pjanta Dok. “A” fol. 90. Hija tmiss mil-lvant ma’ trejqa li tinstab hdejn il-barumbara li taghti ghall-ghalqa tar-rikorrent, u min-nofsinhar u mil-lbic mat-trejqa li taghti ghall-akkwati.

“L-art giet akkwistata minn George Mifsud, l-intimat, permezz ta’ kuntratt tas-27 ta’ Ottubru, 2014, fl-atti tan-Nutar George sive Jurgen Galea (Dok. “B” fol. 15-20).

“Ir-rikorrent jghid li ilu jokkupa din l-art sa mis-sena 2002 meta beda jixtri l-ghelieqi fl-akkwati. L-art, dawk iz-zminijiet kienet mimlija gebel u mbarazz, u hu kien naddafha u pogga gebel biex jibni l-barumbara mgarrfa li ghandu fl-ghalqa tieghu. Fuq l-istess art kien ipoggi l-vettura tieghu.

“F’inqas minn xahrejn qabel l-24 ta’ Settembru, 2015, fuq lart, l-intimat bena (i) zewg pilastri baxxi tal-gebel filkantuniera bejn it-trejqa principali li twassal ghall-akkwati maghrufa bhala “Ta’ Bordin”, u t-trejqa li taghti ghall-ghalqa tar-rikorrenti (Dok. “ASR” ritratt numru 01/02, fol. 60); u (ii) madwar sitt knatan ohra f’forma ta’ pilastru iehor gholi tliet filati (Dok. “ASR” ritratt numru 03-04, fol. 60-61). Jghid li minkejja l-istrutturi li bena l-intimat, fuq l-art in kwestjoni, wiehed ghadu xorta jista’ jipparkja l-vettura tieghu.

…

“fl-ewwel lok, irid jigi indagat jekk jissussistix l-element tal-pussess.

“Din hija l-kwestjoni principali li l-qorti trid tindaga u li fuqha ma hemmx qbil bejn il-partijiet.

“Min-naha l-wahda, l-attur jghid li ilu jipposjedi sa mis-sena 2002 meta beda jixtri l-ghelieqi fl-inhawi. Matul is-snin jghid li fuq l-art mertu tal-kawza, beda jpoggi l-vettura tieghu wara li kien naddafha, u pogga gebel tal-kantun biex juzah biex jirranga l-barumbara li ghandu fl-ghalqa tieghu. Dwar l-uzu li kien jaghmel minnha, ix-xhud Frank Zampa (Fol. 33) jghid li qabel ma giet formata t-triq, l-art mertu tal-kawza kienet mharbta w mimlija haxix oghli. Jiftakar lir-rikorrent isuq mutur tal-hart u ghadda minn fuqha.

“Min-naha l-ohra, l-intimat iressaq il-prova tat-titolu li ghandu fuqha, titolu li akkwistah fis-sena 2014. Tramite x-xhud Debattista, ressaq il-prova li l-ghalqa mertu tal-kawza kienet tifforma parti minn art ohra li taghha Debattista kien is-sid u kienet tinhadem mill-familja tal-intimat. Ix-xhud jichad li r-rikorrenti aghmel użu minnha izda x-xhieda tieghu tixxejjen bl-istqarrija tieghu stess meta jghid li “ma kienx imur ta’ sikwit fuq il-post”.

"Filwaqt li l-Qorti m'ghandhiex ghaliex ma temminx lix-xhud Debattista meta jghid li l-familja tal-intimat kienet tahdem l-ghalqa kollha tieghu, min-naha l-ohra, il-Qorti tqis ukoll ix-xhieda ta' Zampa meta jghid li meta zar l-art (qabel ma saret it-triq) kienet zdingata.

"Hemm ukoll il-kwistjoni ta' min naddaf l-ghalqa mit-terrapin tat-triq meta giet asfaltata t-triq. L-intimat (li hu s-sid) jichad li naddaf hu, filwaqt li l-attur jibda l-istqarrija tieghu billi jghid li kien hu li naddaf l-art u li fuqha pogga l-gebel (Fol. 28). In kontro ezami, l-intimat ma jichadx li fuq l-art hemm il-gebel talkantun, izda jghid li ma jafx ta' min hu. Min-naha l-ohra, il-Qorti tosserva li minkejja li l-intimat huwa s-sid ta' l-art, il-gebel hallih fejn hu allavolja tqieghed fuq art tieghu. Tqis ukoll il-konferma tieghu li qabel l-incident mertu tal-kawza, ma kien hemm ebda dizgwid bejnu u bejn ir-rikorrent.

"Illi mix-xhieda li tresqet, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur gab l-ahjar prova ta' pussess. Il-Qorti tqis il-pussess tar-rikorrent fil-fatt li la darba ma kienx l-intimat li pogga l-gebel fuq l-art mertu tal-kawza, l-ahjar persuna li seta' pogga l-istess kien ir-rikorrent. Jirrizulta li l-intimat ma kellmux fuqha.

"Ghaldaqstant l-ewwel element gie ppruvat.

"Fir-rigward tal-element ta' 'spoliatum fuisse', gie ritenut ukoll li l-element spoljattiv mhux bilfors jissarraf f'ghemil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur, izda huwa bizzejjed li l-ghemil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih. (Francis Tonna et vs Constantino Borg P.A. - deciza fl-1 ta' April 2003). Hawnhekk, huwa relevanti l-kliem ta' Pacifici Mazzoni, spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrio che per forza privata si compia contro la volontarieta` dello spogliato." (Vol.III Sez. 52). "Emanuel Falzon et vs Michael Vella et", P.A. deciz fl-10 ta' Ottubru 2011.

"Mill-fatti li ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni fuqha: l-intimat jammetti li pogga l-knatan tal-gebel fuq l-ghalqa, u li dan ghamlu biex jaghlaq il-konfini tal-ghalqa tieghu.

"Fil-fehma tal-Perit Tekniku, minkejja l-istruttura mill-intimat, ghad baqa' spazzju fejn tghaddi vettura. F'dan ir-rigward, inghad mill-Qrati taghna li l-ispoll jimmaterjalizza wkoll imqar jekk ikun hemm cahda parzjali ta' pussess (App. Ċiv. 2.11.1994 fil-kawża fl-ismijiet Aġius et vs Aġius et (Kollez. Vol: LXXVIII.i.319).

"Ghaldaqstant, l-element spoljattiv gie wkoll ippruvat.

"B'referenza ghall-ahhar rekwizit, u cioe` li l-kawza trid tkun saret fi zmien xahrejn mid-data tal-ispoll, l-element ta' xaharejn ma jirrizultax li huwa b'xi mod ikkontestat fleccezzjonijiet u lanqas fit-trattazzjoni. Mir-rapport

tal-perit tekniku, jirrizulta li l-att ta' spoll sar f'inqas minn xahar qabel l-24 ta' Settembru, 2015, meta infethet il-kawza. Fleskussjoni tal-Perit, l-intimat naqas li jaghmillu domandi f'dan ir-rigward.

"Il-Qorti ghaldaqstant hija sodisfatta wkoll li t-tlett elementi gie ppruvat."

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-konvenut George Mifsud (05.08.2019):</u>**

4. Il-konvenut ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:

(i) **<u>L-ewwel aggravju</u>** - huwa (il-konvenut) s-sid tal-art in kwistjoni.

Fl-ewwel lok jaċċenna għall-fatt li l-attur qed jippretendi li huwa s-sid tal-art in kwistjoni. Jargumenta illi jekk l-attur kien daqshekk konvint li l-art hija tiegħu, ma kien hemm xejn x'iwaqqfu milli jaġixxi in via petitorja. Isostni pero` li ma hemmx dubju li s-sid tal-art huwa hu (il-konvenut), tant li dan ġie pppruvat permezz ta' att pubbliku, u anke l-ewwel Qorti irrikonoxxiet dan il-fatt. Jikkummenta li l-attur għażel li jagħmel din il-kawża possessorja proprju għaliex jaf li l-art mhix tiegħu u li m'għandu l-ebda drittijiet fuqha.

(ii) **<u>It-tieni aggravju</u>** - bħala sid huwa (il-konvenut) kellu dritt itella' ċint

Fit-tieni lok isostni li bħala sid tal-art in kwistjoni kellu dritt itella' ċint sabiex jiddemarka l-konfini tal-istess. Jirreferi għall-Artikolu 326 tal-Kap 16 li jtenni li "*kull sid jista' jagħlaq il-fond tiegħu bla ħsara ta' kull servitu` li għaliha jkollu jedd ħaddieħor*." Isostni li l-attur ma ġab l-ebda prova li kellu xi servitu` gravanti l-art in kwistjoni. Jirreferi wkoll għall-Artikolu 1030 tal-Kap 16 li jipprovdi li "*kull min jagħmel użu ta' jekk tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu*". Għalhekk isostni li dak li għamel kien pjenament entro d-drittijiet tiegħu.

(iii) **<u>It-tielet aggravju</u>** – l-ewwel Qorti ma evalwatx l-*animus spoliandi*

Fit-tielet lok jgħid li skont il-ġurisprudenza, sabiex aġir jitqies bħala wieħed spoljattiv irid jiġi pruvat li sar bl-għarfien u l-intenzjoni li jitturba l-pussess ta' ħaddieħor. Jilmenta li s-sentenza appellata hija priva minn kwalunkwe riferenza għal dan ir-rekwiżit.

(iv) **<u>Ir-raba' aggravju</u>** – l-element tal-pussess kien karenti: jekk l-attur kien jipparkja l-vettura fuq l-art in kwistjoni dan kien b'tolleranza

Fir-raba' lok isostni li fl-aqwa ipotesi għall-attur, jekk kien jipparkja l-karozza tiegħu fuq l-art ta' ħaddieħor (cioe` tiegħu) dan kien b'mera tolleranza, li kif tgħallem il-ġurisprudenza, mhix konduċiva għad-dritt ta' pussess tutelabbli bl-*Actio Spolii.*

(v) **<u>Il-ħames aggravju</u>** - it-teżi tal-attur hija mibnija fuq għadd ta' inkonsistenzi u debbolezzi fattwalment serji

Il-konvenut appellant jaċċenna għar-ritratti li ġew ippreżentati mill-attur (biex juri li kien <u>jipparkja</u> hemm). Jgħid li għalkemm l-attur saħaq diversi drabi li wieħed mir-ritratti ittieħed fl-2008, id-data stampata fuq il-wara tar-ritratt hija 2015. Jgħid ukoll li r-ritratt l-ieħor juri vettura ta' terzi li m'humiex parti fil-kawża.

Il-konvenut appellant jaċċenna għall-fatt li l-attur jipprova jibbaża l-allegat pussess tiegħu ukoll fuq il-fatt li għandu <u>xi</u>

ġebel fuq il-porzjon art bl-iskop li jsewwi l-barumbara tiegħu li tinsab fi stat imġarraf. Jargumenta pero` li din it-teżi ġiet kontradetta, għaliex meta tpoġġa l-ġebel hemmhekk il-barumbara kienet għadha lanqas iġġarrfet, u l-perit tekniku ikkonstata li l-ġebel ma kienx antik iżda kien ġebel maqtugħ bil-magna.

**RISPOSTA TAL-APPELL TAL-ATTUR (14.08.2019):**

5. L-attur appellat wieġeb biex jgħid għaliex l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-ewwel Qorti kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**Fatti li taw lok għall-vertenza:**

6. Fis-27 ta' Ottubru 2014, il-konvenut George Mifsud u martu Mary xtraw mingħand ċertu Martin Debattista żewġ biċċiet art (waħda kbira u oħra żgħira), indikati bl-iswed fuq il-pjanti annessi mal-kuntratt, li kopji tagħhom jinsabu a fol 19 u 20. Dawn iż-żewġ biċċiet art huma ħdejn xulxin iżda mifrudin bi trejqa. L-art mertu tal-kawża odjerna, li għandha forma

ta' maqrut, tifforma parti mill-biċċa l-kbira, u hija mmarkata b'salib fuq il-pjanta a fol 20. <u>Martin Debattista</u> fil-fatt xehed li dawn iż-żewġ biċċiet art li biegħ lill-konvenut u lill-martu minn dejjem kienu jinħadmu mill-familja tal-konvenut. Qal li għalkemm l-attur kien talbu kemm-il darba biex ibiegħlu tali biċċiet art, huwa għażel li jbiegħhom lill-konvenut peress li kien wegħdu li jbiegħhom lilu.




7. <u>L-attur Anthony Camilleri</u> min-naħa tiegħu isostni li dan il-"maqrut" ta' art huwa fil-fatt tiegħu. Huwa xehed li huwa proprjetarju ta' diversi

artijiet f' Ta' Bordin, Żebbug, u li dan il-maqrut in kwistjoni "*huwa parti mill-art tiegħi fejn hemm barumbara illum imġarrfa parzjalment*". Qal li meta kien xtara l-art tiegħu huwa kien ħammel u naddaf dan il-maqrut u beda jużah għall-ipparkeġġjar tal-karozzi tiegħu, u li in oltre f'biċċa minn dan il-maqrut ta' art, kien anke beda jistiva l-ġebel bil-għan li jirrestawra l-barumbara tiegħu bihom. Qal li beda jiġbor il-ġebel mill-2002; spjega li fejn isib il-ġebel antik kien jiġbru għaliex rari biex isib jixtri dak it-tip ta' ġebel. Qal li meta ħammel din il-parti, il-konvenut kien ikun hemm, jaħdem u jonsob fl-art tiegħu u qatt ma sar diskors fuq l-art in kwistjoni. Enfasizza li kien biss dan l-aħħar li l-konvenut beda jsostni li l-maqrut art huwa parti mill-art tiegħu. Qal li mir-riċerka li għamel sar jaf li l-konvenut kien inkluda dan il-maqrut art fl-art li xtara, iżda skont hu dan huwa inkorrett.

8. Il-konvenut George Mifsud qal li l-art li xtara fl-2014 (inkluż il-maqrut in kwistjoni) kienet għand il-familja tiegħu bi qbiela. Huwa ċaħad li l-attur qatt għamel użu minn dan il-maqrut art li jesa' tliet karozzi, anzi qal li kien ilu jipparkja l-vettura tiegħu hemm għal 28 sena, ferm qabel ma ġie l-attur. Sostna li l-attur invece dejjem ipparkja l-karozza tiegħu wara l-barumbara li hija proprjeta` tiegħu stess (tal-attur) u mhux f'dan il-maqrut. "*Nikkonferma bil-ġurament tiegħi għal mitt darba illi l-attur jipparkja wara l-barumbara, għaliex mill-għalqa tiegħi kont narah*". Qal li

minkejja li ġieli sab xi bidwi pparkjat fl-art in kwistjoni, lill-attur qatt ma rah hemm. Għalkemm jikkontesta li l-borġ ġebel li jinsab fil-maqrut tpoġġa mill-attur, xehed li "*peress illi l-attur qalli li l-ġebel kien tiegħu, meta ridt intella' ċint kont għidtlu biex ineħħih.*"

9. Fil-fatt fit-13 ta' Lulju 2015 il-konvenut George Mifsud, tramite d-difensur tiegħu, bagħat ittra lill-attur fejn interpellah ineħħi l-ġebel li poġġa fl-għalqa tiegħu (cioe` fl-hekk imsejjaħ maqrut). Il-ġebel pero` tħalla hemm.

10. Sussegwentement il-konvenut bena żewġ pilastri baxxi tal-ġebel bejn l-art in kwistjoni u t-trejqa. Huwa spjega li dawn għamilhom biex eventwalment itella' ċint biex iservi bħala marka ta' fejn tibda u tispiċċa l-għalqa tiegħu. Qal li ċ-ċnaġen fuq xulxin (jew pilastri) kienu ser iservu bħala l-koxxa tal-bieb li eventwalment kellu l-ħsieb li jagħmel. Qal illi li kieku bena ċ-ċint, il-post tal-ipparkjar kien ser jibqa' hemm għaliex huwa stess jipparkja l-vettura tiegħu stess hemm. Mir-ritratti li l-perit inkluda fir-rapport tiegħu, liema ritratti ttieħdu waqt l-aċċess, wieħed jista' jifhem aħjar fejn u kif inhuma l-pilastri li għamel il-konvenut, u anke fejn, 'il ġewwa mill-pilastri, jinsab il-borġ ġebel tal-kantun.







11. Konsegwentement fl-24 ta' Settembru 2015 l-attur intavola l-kawża odjerna.

**L-ewwel aggravju**

12. Hawnhekk il-konvenut jilmenta li l-ewwel qorti "*naqset*" milli tapprezza l-*"fatt kruċjali*" li huwa s-sid tal-art in kwistjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ewwel aggravju huwa għal kollox infondat. Din hija azzjoni possessorja u għalhekk mhux il-każ li l-konvenut joqgħod jargumenta li r-raġuni li l-attur ma fetaħx kawża petitorja kontrih kienet għaliex kien jaf li l-art mhix tiegħu. Veru li l-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu jibda' biex jgħid li huwa proprjetarju tal-art in kwistjoni; madanakollu l-azzjoni odjerna fetaħha qua pussessur, għaliex jilmenta li ġie spoljat mill-pussess li kien ilu jgawdi fuq l-art in kwistjoni għal tul ta' snin. L-azzjoni ta' spoll hija intiża biex tipproteġi l-pussess ta' liema xorta jkun, anke pussess illeġittimu jew abbużiv. Fis-sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubu 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Fenech v. Michelangelo Fenech pen**, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fakkret is-segwenti:

> "Huwa paċifiku, jidher li f'dan il-konvenuti jirrikonoxxu l-korrettezza tal-prinċipju illi "l-azzjoni ta' spoll hija rikonoxxuta lil kwalunkwe persuna li jkollha l-pussess ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, u li dan il-pussess jista' anke jkun illeġittimu jew abbużiv basta li bħala fatt materjali dak il-pussess ikun fil-persuna vittma tal-ispoll." "**Paul Demarco v. Francesco Fiteni**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Gunju 1957;"

**It-tieni aggravju:**

13. Fit-tieni lok il-konvenut appellant jirreferi għas-segwenti

provvedimenti tal-Kap 16 u jargumenta li huwa dejjem aġixxa entro d-drittijiet tiegħu kif emerġenti mil-liġi:

> "Artikolu 326:
>
> "Kull sid jista' jagħlaq il-fond tiegħu, bla ħsara ta' kull servitu` li għaliha jkollu dritt ħaddieħor."
>
> "Artikolu 1030:
>
> "Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu".

14. Dawn l-artikoli huma irrilevanti għall-finijiet ta' din il-vertenza. L-*Actio Spolii* hija intiża biex tipproteġi l-pussess ta' dak li jkun, biex ma jiġix iddisturbat stat ta' fatt. L-*Actio Spolii* hija imsejsa fuq l-ordni pubbliku u hija intiża biex tipprovdi azzjoni mħaffa u effikaċi biex ħadd ma jieħu l-liġi b'idejh. Għalhekk kwalsiasi atti li persuna għandha dritt teżerċita ma jistgħux jiġu eżerċitati mingħajr l-intervent tal-qorti jekk bħala konsegwenza ta' tali atti ikun ser jiġi disturbat il-pussess li jgawdi ħaddieħor. Hekk kif inhuma irrilevanti kunsiderazzjonijiet dwar l-illeġittimita` o meno tal-pussess li jgawdi l-possessur, huma irrilevanti kunsiderazzjonijiet dwar id-drittijiet o meno pretiżi mill-ispoljatur.

**It-tielet aggravju**

15. Il-konvenut appellant fit-tielet lok, jiċċita minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ġunju 1965 fil-kawża fl-ismijiet

**Caterina armla Galea v. Joseph Vella** fejn ġie ritenut li għall-konfigurazzjoni tal-ispoll kellu jiġi eżaminat jekk il-konvenut kellux l-*animus spoliandi*, u jilmenta li fil-kawża odjerna l-ewwel Qorti "naqset" milli tevalwa jekk kienx tassew ippruvat l-*animus spoliandi* fil-konfront tiegħu.

16. Għalkemm fil-passat ingħataw sentenzi mill-qrati tagħha fejn qiesu l-*animus spoliandi* bħala element tal-azzjoni ta' spoll, huwa ormai stabbilit li l-liġi tagħna ma tirrikjedix dan l-element. Hekk per eżempju din il-Qorti fis-sentenza mogħtija minnha fl-14 ta' Jannar 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Dimitry Orlov v. Edward Pavia pen** spjegat għaliex ma tikkondividix il-pożizzjoni meħuda f'sentenzi preċedenti dwar dan l-element tal-*animus spoliandi*.

> "L-appellant proprio et nomine jagħmel riferenza għal sentenzi ta' dawn il-Qrati li fihom ġie introdott l-element intenzjonali bħala rekwiżit tal-azzjoni tal-ispoll. Hekk per eżempju jagħmel riferenza għal tali insenjament fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Baldacchino vs Emanuel Falzon Fava,** deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' April 1988 (Volum LXXII.ii.242) u fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Camilleri vs Doris Galea**, deċiża mill-Prim'Awla fil-25 ta' Settembru 1989 (Volum LXXIII.iii.851), kif ukoll l-insenjament ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Grace Chetcuti vs Francis Muscat et**, deċiża fil-21 ta' Ġunju 1989.
>
> "F'din l-aħħar sentenza ġie hekk insenjat : "Il-molestja trid tkun akkumpanjata mid-debitu animus spoliandi. Fil-fatt l-atti li bihom tiġi kommessa l-molestja wahedhom mhux biżżejjed biex jikkostitwixxu spoll, iżda jrid jiġi investigat ukoll b'liema intenzjoni saru 'ed in tal caso si rende indispensabile far ricorso al titolo, in virtu' del quale gli atti si sono compiuti non gia' per giudicare del diritto in colui che ha erogato la molestia bensi del suo animo col quale ha esercitato gli atti in questione' (Ricci Volum 5 pg. 135 – 136 para. 93)". L-istess **Ricci** ġie wkoll kwotat f'sentenzi ohra, gja' citati, fejn jgħid "Ove questa intenzione manchi di

colui che attenta al possesso altrui, non vi e' vera molestia nel senso di legge, e non puo' competere l'esperimento delle azioni possessorie" (Volum V pg. 134).

"Dan l-insenjament li ttanta jintroduċi l-animus spoilandi bħala element kostituttiv tal-azzjoni ta' spoll privileġġjat ma huwiex kondiviż minn din il-Qorti. Hi tiffavorixxi għall-kuntrarju d-dottrina illi l-elementi vitali ta' din l-azzjoni kienu biss tlieta u cioe' possedisse, spoliatum fuisse, u infra bimestre deduxisse – tlett elementi illi huma espressament rikjesti mill-Kodici Civili nostran u illi effettivament jirreferu biss għall-vittma tal-att spoljattiv u mhux għall-awtur tieghu. Infatti l-ligi tagħti dritt ta' azzjoni lil min jipprova li kien jipposjedi l-oġġett in kawża u li jirnexxielu jipprova li kien ġie minnu spoljat in kwantu l-pussess tiegħu kien gie turbat u dana fiż-żmien perentorju ta' xahrejn li fih kellu jiddeduċi l-azzjoni. Il-liġi trid illi stabbiliti dawn it-tlett elementi, l-ebda difiża ma setgħet tiġi avanzata mill-awtur tal-att spoljattiv u l-ligi espressament tesiġi illi f'azzjoni ta' din ix-xorta kienu permessi biss eccezzjonijiet dilatorji.

"Il-gurisprudenza li tittanta tintroduci l-animus spoliandi bhala element tal-azzjoni ta' spoll privileġġjat issegwi l-ġurisprudenza Taljana u kontinentali in materja li pero' ma tinterpretax disposizzjonijiet ta' ligi identici għal dawk nostrani. L-artikoli rilevanti tal-Kodici Civili imkien ma kienu jirrikjedu investigazzjoni rigward l-intenzjoni tal-allegat spoljatur."

17. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, dan l-aggravju jirriżulta ukoll infondat.

**Il-ħames aggravju:**

18. Din il-Qorti jidhrilha li jkun iktar opportun li tikkunsidra l-ħames aggravju qabel ir-raba' wieħed. Fil-ħames aggravju tiegħu il-konvenut jargumenta li t-teżi tal-attur (dwar il-pussess li allegatament kellu fuq il-maqrut in kwistjoni) hija mibnija fuq inkonsistenzi u debbolezzi fattwali serji.

19. Jiġi spjegat li l-ewwel Qorti, wara li qieset il-verżjonijiet taż-żewġ partijiet, ikkonkludiet li l-attur ipprova l-pussess tiegħu fuq il-maqrut art in kwistjoni abbażi tal-eżistenza tal-ġebel ta' kantun li jinsab fiha (cioe` l-ġebel li jinsab 'il ġewwa mill-knaten/pilastri mertu ta' din il-kawża). Hija kienet sodisfatta mill-verżjoni tal-attur li dan il-ġebel tal-kantun kien fil-fatt tqiegħed fl-art in kwistjoni mill-attur, bl-intiża li eventwalment jużah sabiex isewwi l-barumbara tiegħu li tinsab parzjalment imġarrfa; dan wara li qieset li:

- ma kienx il-konvenut li poġġih hemm;
- minkejja li l-konvenut huwa sid tal-art ħallieħ hemm;
- ladarba ma kienx il-konvenut innifsu li poġġih hemm, l-aħjar persuna li setgħet poġġiet l-istess kienet allura l-attur.

20. Il-konvenut appellant jikkontesta din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti. Jilmenta li l-ewwel Qorti sfuġġielha l-fatt li għalkemm l-attur qal li kien tefa' l-ġebel hemm sabiex jużah biex isewwi l-barumbara, fiż-żmien li tpoġġa l-ġebel il-barumbara kienet għadha lanqas iġġarrfet. Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti sfuġġielha wkoll il-fatt li l-perit tekniku kien ikkonstata li l-ġebel kien ġebel maqtugħ bil-magna u mhux ġebel antik u għalhekk jikkontradixxi t-teżi tal-konvenut li kien qed jiġbor dak il-ġebel antik biex isewwi l-barumbara.

21. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li dawn l-argumenti huma sostanzjati. Fl-ewwel lok ma ġiex pruvat li l-barumbara ġġarrfet wara li tqiegħed il-ġebel u fit-tieni lok għalkemm il-perit tekniku xehed li l-ġebel li jinsab fl-art huwa maqtugħ bil-magni, ippreċiża li l-knaten ilhom jinqatgħu bil-magni għal madwar ħamsin sena; għalhekk ma jfissirx li knaten maqtugħin bil-magni ma jistgħux ikollhom ċertu żmien.

22. Dan apparti li anke l-konvenut stess kien tal-intendiment li l-ġebel kienu tal-attur tant li qabel ma għamel il-knaten (pilastri) mertu ta' din il-kawża kien interpella lill-attur sabiex ineħħihom mill-għalqa tiegħu. Inoltre waqt li l-attur kien qed jixhed dwar ir-ritratti li esebixxa (a fol 107 u 108), mistoqsi x'kien l-iskop li ħa tali ritratti (li juru vetturi pparkjati) wieġeb li kien għaliex innota li kienu qed jisirqulu l-ġebel u ħa r-ritratti sabiex jikkonstata kemm kien qed jonqos.

23. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti fejn ikkonkludiet li l-ġebel li jinsab fl-art in kwistjoni tpoġġa mill-attur.

24. F'dan l-aggravju ukoll pero`, il-konvenut jargumenta li ż-żewġ ritratti li ppreżenta l-attur waqt il-kontro-eżami tiegħu (tal-konvenut) biex juri li

kien hemm vetturi pparkjati fil-maqrut, ma jistħoqqilhomx li jingħataw piż. Kwantu għar-ritratt a fol 108, li fih tidher il-vettura tal-attur, jaċċenna għall-fatt li minkejja li l-attur saħaq li r-ritratt ittieħed fl-2008 u fil-fatt fuq il-wiċċ tar-ritratt tidher id-data 13/12/2008, id-data li tidher fuq wara tar-ritratt hija 21/01/2015 u għalhekk isostni li l-attur iffabbrika l-evidenza bl-iskop li tintuża bħala prova f' din il-kawża. Kwantu għar-ritratt l-ieħor (a fol 107) jgħid li l-vettura li tidher hemm mhix il-vettura tal-attur iżda ta' terzi.

25. Din il-Qorti pero` jidhrilha li ladarba ġie stabbilit li l-attur kellu pussess fuq l-art in kwistjoni <u>abbażi tal-fatt li kellu ammont ta' ġebel stivat fiha</u>, huma irrilevanti kunsiderazzjonijiet dwar jekk il-provi tal-pussess <u>abbażi tal-ipparkjar o meno tal-vettura tiegħu</u> humiex konklussivi, sodisfaċenti jew immanipulati. L-ewwel Qorti ma bbażatx il-konklużjoni tagħha relattiva għall-element tal-*possedisse* fuq l-ipparkjar tal-vetturi, iżda fuq l-eżistenza tal-ġebel (li, kif fuq spjegat, kienet sodisfatta li kien tqiegħed mill-attur).

<u>**Ir-raba' aggravju:**</u>

26. Fir-raba' aggravju tiegħu l-konvenut bażikament jargumenta illi jekk l-attur kien jipparkja l-vettura tiegħu fil-maqrut in kwistjoni, dan m'għandux jitqies bħala pussess għaliex *se mai*, u fl-aħjar ipotesi għalih, dan kien

jagħmlu b'mera tolleranza, li kif tgħallem il-ġurisprudenza nostrana, mhix konduċiva għall-pussess tutellabbli bl-*Actio Spolii*. Fil-fehma ta' din il-Qorti pero` kunsiderazzjonijiet dwar jekk kienx qed isir ipparkjar b'tolleranza jew le huma wkoll irrilevanti, ġialadarba, kif ingħad, l-ewwel Qorti bbażat il-konklużjoni tagħha relattiva għall-element tal-*possedisse* fuq l-eżistenza tal-ġebel u mhux fuq l-ipparkjar o meno tal-vetturi da parti tal-attur.

**<u>Decide</u>**

27. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut appellant u tikkonferma s-sentenza appellata.

28. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr